Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,190, 14 ta' Novembru, 1995
Taqsima B

A.L. 163 ta' l-1995

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA
(KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1957 dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

C.N. 42 ta' l-1957.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew isehhu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Iżid regolament 3B ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 3A tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

3B. Għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, id-drittijiet kollha speċifikati f'dawn ir-regolamenti għar-rigward tal-provvista ta' oġġetti jew servizzi li jkunu provvisti taxxabbli fil-kuntest ta' dak l-imsemmi Att u ta' kull regolament li jinħareġ bis-saħħa tiegħu, għandhom jitqiesu li jkunu jinkludu fihom it-taxxa fuq il-valur miżjud li jkollha titħallas skond dak l-Att.".

Att Nru. XII ta' l-1994.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-kliem "linji bil-kaxxi tal-flus" fil-paragrafu 6 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "telefon b'kaxxa tal-flus provdut u mantenut miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta".

Jemenda l-Hames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok it-Taqsima III tal-Hames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA III

Telefonati Bureaufax

Reġjun ta' l-Oċejan	Dritt għal kull paġna
	Lm c m
Lvant ta' l-Atlantiku	3.56,5
Punent ta' l-Atlantiku	3.56,5
Indjan	3.56,5
Paċifiku	3.56,5".